**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0504/2022**

21.11.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-protezzjoni tat-trobbija tal-bhejjem u ta' karnivori kbar fl-Ewropa (2022/2952(RSP))

**Herbert Dorfmann, Norbert Lins, Daniel Buda, Alexander Bernhuber**
f'isem il-Grupp PPE



*Magħquda fid-diversità*

**B9-0504/2022**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tat-trobbija tal-bhejjem u ta' karnivori kbar fl-Ewropa**
**(2022/2952(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi hemm ħafna fatturi kumplessi b'effetti detrimentali fuq il-ktajjen trofiċi li jiddeterminaw il-migrazzjoni tal-annimali selvaġġi (it-tibdil fil-klima, l-istatus ta' protezzjoni għoli, iż-żieda fl-għadd tal-popolazzjoni) li jwasslu għal kunflitti ta' koeżistenza bejn l-ispeċijiet domestiċi u selvaġġi;

B. billi azzjoni leġiżlattiva, bħad-Direttiva dwar il-Ħabitats[1] u l-isforzi ta' koordinazzjoni internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna), ikkontribwixxew għall-irkupru ta' karnivori kbar, inklużi l-popolazzjonijiet tal-ilpup; billi l-għadd ta' karnivori kbar żdied b'mod sinifikanti fl-Ewropa kontinentali, u ra żieda ta' bejn 8 000 – 9 000 ta' linċi Ewro-Asjatiċi, 15 000 – 16 000 ors kannella u 17 000 lupu fil-perjodu bejn l-2012 u l-2016; billi dawn iċ-ċifri jmorru lura għal aktar minn ħames snin; billi l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) kienet diġà kklassifikat fl-2018 il-lupu bħala speċi ta' tħassib minimu fil-livell tal-UE minħabba ż-żieda qawwija fl-għadd tiegħu;

C. billi karnivori kbar juru mobilità għolja u l-popolazzjonijiet partikolari jistgħu jinfirxu fuq żoni ġeografiċi kbar f'pajjiżi differenti, fl-UE u barra minnha, u dan iwassal għal sitwazzjonijiet fejn l-istess popolazzjoni bi stat ta' konservazzjoni favorevoli tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' ġestjoni f'reġjun wieħed filwaqt li xorta waħda tiġi kklassifikata bħala waħda li teħtieġ protezzjoni stretta fir-reġjun ġar, minkejja li jkollha l-istess stat ta' konservazzjoni; jappella għal approċċ ibbażat fuq ix-xjenza, huwa u jqis il-popolazzjoni kollha kemm hi fl-Istati Membri kollha;

D. billi l-annimali domestikati, b'mod partikolari dawk fil-mergħat u fis-sistemi ta' ragħa fil-miftuħ, isibu ruħhom f'riskju minħabba l-preżenza dejjem tikber ta' karnivori kbar, speċjalment kemm fir-reġjuni muntanjużi kif ukoll f'dawk skarsament popolati, fejn ir-ragħa huwa meħtieġ biex jiġu kkonservati dawn il-ħabitats ta' prijorità, u f'żoni rurali b'densità għolja ta' popolazzjoni, fejn il-preżenza tal-ilpup jista' jkollha impatti negattivi fuq l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, u l-kwalità tal-ħajja fihom, kemm f'termini ta' agrikoltura tradizzjonali kif ukoll f'termini ta' turiżmu; billi f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni u urbanizzati bi ftit riżervi naturali kbar jeżisti riskju akbar għall-annimali domestikati;

E. billi l-mergħat Alpini tradizzjonali u s-sistemi ta' ragħa tal-mergħat qed jiġu abbandunati dejjem aktar minħabba l-isfidi ambjentali, agrikoli u soċjoekonomiċi

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

assoċjati mal-biedja qrib ħafna ta' speċijiet predaturi kbar, li inevitabbilment iwassal għal kunflitt ta' objettivi f'termini ta' konservazzjoni tan-natura; billi 50 % tan-nagħaġ kollha fl-Ewropa kontinentali jgħixu qrib mill-inqas speċi waħda ta' karnivori kbar;

F. billi ntwera li l-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati kunflitti ta' koeżistenza mhumiex effettivi biżżejjed, filwaqt li wasslu għal żieda fl-ispejjeż tax-xogħol u fi spejjeż sproporzjonati għall-bdiewa u għandhom impatt sinifikanti fuq il-pajsaġġ; billi l-pagamenti ta' kumpens regolati fuq il-livell nazzjonali ivarjaw fi ħdan l-UE u spiss ma jikkunsidrawx it-totalità tal-ħsara mġarrba, flimkien mat-telf irreparabbli tal-wirt ġenetiku ta' ħafna razez indiġeni;

1. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tiffoka fuq il-ġestjoni adegwata tal-bijodiversità biex tippermetti l-iżvilupp ibbilanċjat tal-ispeċijiet u l-ekosistemi kollha; jirrimarka li, filwaqt li l-politiki tal-bijodiversità kellhom riżultati pożittivi fir-rigward tar-restawr ta' speċijiet karnivori kbar fl-UE, għandu jiġi rikonoxxut li l-livelli dejjem jikbru tal-popolazzjoni qed iwasslu għal bosta sfidi ambjentali, agrikoli u soċjoekonomiċi, u li għandha tittieħed aktar azzjoni, abbażi ta' approċċ aktar reġjonalizzat f'konformità mal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, biex jiġu indirizzati b'mod effettiv dawn il-kompromessi;

2. Jisħaq fuq l-importanza li tittejjeb is-sorveljanza tas-saħħa tal-fawna selvaġġa, li hija rilevanti fil-każ partikolari tal-ilpup minħabba l-ibridizzazzjoni mal-klieb; jappella għal politika standardizzata għall-identifikazzjoni tal-ibridi u approċċ trasparenti, inkluż l-iskambju transfruntier tal-kampjuni tad-DNA tal-ilpup bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-impatt li għandhom l-attakki minn karnivori kbar fuq il-benessri tal-annimali, inklużi korrimenti, abort, tnaqqis fil-fertilità, telf ta' annimali jew merħliet sħaħ, u l-imwiet ta' klieb tal-għassa, kif ukoll fuq il-benessri tal-bnedmin, inkluż it-telf ta' introjtu u spejjeż tax-xogħol u materjali ogħla, kif ukoll korriment potenzjali jew riskju għall-ħajja;

3. Jilqa' l-fatt li l-punt "Proposta għal emenda: Tniżżil mil-lista tal-lupu (*Canis lupus*) mill-Appendiċi II għall-Appendiċi III tal-Konvenzjoni" ġie inkluż fl-aġenda għat-42 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni ta' Berna; jenfasizza li l-istat ta' konservazzjoni tal-lupu fil-livell pan-Ewropew jiġġustifika mitigazzjoni tal-istatus ta' protezzjoni u konsegwentement l-adozzjoni tal-emenda proposta;

***Miżuri***

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu li l-miżuri attwali, inklużi ċ-ċnut u l-klieb tal-għassa, mhux qed jipproduċu r-riżultati biex jipprevjenu b'mod adegwat l-attakki u jippermettu koeżistenza armonjuża; jitlob li n-natura tat-terren u fatturi prevalenti oħra, bħat-turiżmu, li huma essenzjali għaż-żoni kkonċernati, jitqiesu meta jiġu implimentati l-miżuri preventivi u meta jiġu kkunsidrati id-derogi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu, f'każijiet fejn il-popolazzjonijiet ta' karnivori kbar qed jikbru, l-importanza li jiġu żviluppati u applikati miżuri ta' kontroll sorveljati f'konformità mad-Direttiva dwar il-Ħabitats, abbażi ta' evidenza xjentifika;

***Valutazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni u tal-pjanijiet ta' ġestjoni transfruntiera***

5. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress fil-kisba tal-istat ta'

konservazzjoni għall-ispeċijiet fil-livell ta' reġjuni bijoġeografiċi u/ jew ta' popolazzjonijiet madwar l-UE kollha, sabiex tivvaluta l-espansjoni tal-annimali selvaġġi abbażi ta' evidenza xjentifika u abbażi tal-iskambju ta' individwi u flussi ta' ġeni bejn is-subpopolazzjonijiet, billi tqis il-mobilità transfruntiera għolja tal-ispeċijiet, u tipproċedi għal adattament tal-istatus ta' protezzjoni hekk kif jintlaħaq l-istat ta' konservazzjoni mixtieq; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ġestjoni transfruntiera, li jikkoinċidu mar-reġjuni bijoġeografiċi u/jew fuq il-livell ta' popolazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni talloka fondi għal studji dwar il-bijodiversità bl-għan li jaġġornaw il-mapep tad-distribuzzjoni u tad-densità ta' karnivori kbar; iqis li, sabiex jiġu prodotti stimi preċiżi, dawn l-istudji għandhom jitwettqu madwar l-Ewropa, minħabba l-mobilità għolja ta' dawk l-ispeċijiet; jemmen li l-istat ta' konservazzjoni tal-karnivori kbar huwa favorevoli f'diversi reġjuni bijoġeografiċi fejn għadu kklassifikat bħala li jeħtieġ protezzjoni stretta; jitlob monitoraġġ mill-qrib tal-politika tal-UE dwar karnivori kbar bl-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għall-kwistjoni ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli, abbażi ta' data realistika li tiżvela densitajiet differenti ta' karnivori kbar f'partijiet differenti tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni sabiex mingħajr dewmien tiżviluppa proċedura ta' valutazzjoni biex tippermetti li l-istatus ta' protezzjoni tal-popolazzjonijiet f'reġjuni partikolari jiġi emendat hekk kif jintlaħaq l-istat ta' konservazzjoni mixtieq, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats;

***Eżenzjonijiet***

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jassistu b'mod attiv lir-reġjuni li qed jiffaċċjaw kunflitti ta' koeżistenza li qed jiżdiedu, filwaqt li jżommu f'moħħhom li kemm il-fawna selvaġġa kif ukoll il-bhejjem isofru ħsara sinifikanti, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-flessibbiltà li diġà teżisti skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats; jitlob li dan l-artikolu jiġi integrat u applikat b'mod li jqis id-diversità madwar l-Unjoni Ewropea u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati biex jiżgura approċċ ta' ġestjoni fil-livell ta' reġjuni ġeografiċi akbar u/jew fil-livell ta' popolazzjonijiet madwar l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-linji gwida eżistenti dwar il-protezzjoni stretta tal-ispeċijiet, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, fid-dawl taż-żieda fil-popolazzjonijiet ta' karnivori kbar u tal-kunflitti ta' koeżistenza li qed jiżdiedu;

7. Jisħaq li t-trobbija tal-bhejjem trid tkun possibbli mingħajr il-ħtieġa ta' miżuri protettivi sproporzjonatament għaljin u msaħħa li jaffettwaw b'mod negattiv il-fattibilità tal-biedja fiż-żoni rurali; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-preżenza dejjem akbar ta' karnivori kbar fl-Ewropa fuq il-bijodiversità, il-komunitajiet rurali u t-turiżmu rurali, inkluż it-tiġdid ta' ġenerazzjonijiet fl-agrikoltura;

***Farms tal-muntanji***

8. Jisħaq li t-tibdil fil-klima, il-kriżijiet ekonomiċi u l-multiplikazzjoni tal-predazzjonijiet minn karnivori kbar jaffettwaw b'mod aktar sever il-farms tal-bhejjem fiż-żoni Alpini; jirrimarka li l-azjendi fiż-żoni muntanjużi huma żgħar u jiffaċċaw spejjeż addizzjonali għoljin, madankollu għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni tal-pajsaġġi muntanjużi u s-salvagwardja tal-bijodiversità f'reġjuni inospitabbli; fejn erbivori

selvaġġi kbar għebu jew għadhom ma ġewx introdotti mill-ġdid, peress li huma għodda kosteffettiva bbażata fuq in-natura għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-effetti klimatiċi bħan-nirien fil-foresti; jirrimarka li żoni bħall-mergħat ta' *Nardus* għonja fl-ispeċijiet, fuq substrati siliċiċi f'inħawi muntanjużi u f'mergħat kalkarji alpini u subalpini jistħoqqilhom b'mod partikolari konservazzjoni skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats; jirrimarka li fattur ewlieni għall-konservazzjoni ta' dawn iż-żoni huwa r-ragħa estensiv; jinnota li ż-żieda fil-popolazzjoni tal-ilpup, flimkien mal-imprattikabilità tal-miżuri protettivi f'postijiet topografiċi estremi, bħal f'żoni muntanjużi u b'popolazzjoni baxxa qed iwasslu għall-abbandun gradwali tar-ragħa; jistieden lill-Kummissjoni tipproteġi u tippreserva l-prattiki agrikoli tradizzjonali, bħall-pastoraliżmu, il-mudell tar-ragħa agrikola, il-prattika tat-transumanza rikonoxxuta mill-UNESCO u l-istil ta' ħajja tal-bdiewa pastorali, permezz ta' azzjoni deċiżiva u soluzzjonijiet konkreti; jirrikonoxxi li wħud minn dawn il-prattiki jistgħu jiġu koperti mil-lista proposta ta' prattiki agrikoli potenzjali ffinanzjati mill-ekoskemi, li jistgħu jwasslu għal interferenza fil-ħabitats tal-fawna selvaġġa; jistieden lill-Kummissjoni, fejn il-miżuri ta' protezzjoni tal-merħla jkunu impossibbli, toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni tar-ragħa;

***Monitoraġġ***

9. Jisħaq li monitoraġġ tajjeb huwa prerekwiżit bażiku għal ġestjoni b'suċċess tal-karnivori kbar, madankollu l-Istati Membri jużaw metodi differenti ta' stħarriġ u monitoraġġ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jarmonizzaw metodoloġiji ta' monitoraġġ ippruvati xjentifikament fl-Istati Membri kollha u jimmonitorjaw il-popolazzjonijiet karnivori kbar billi jqisu d-dimensjoni transfruntiera b'enfasi fuq ir-reġjuni bijoġeografiċi, kif ukoll il-karatteristiċi ta' kull ekosistema; jitlob li r-riżultati tal-monitoraġġ ikunu disponibbli għall-pubbliku fil-ħin u b'mod trasparenti; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw xjentifikament l-aħjar miżuri fattibbli biex jitnaqqsu l-attakki u l-ħsara tal-predazzjoni tal-bhejjem, kif ukoll iwettqu valutazzjoni tal-impatt dwar l-implimentazzjoni ta' metodi ta' ġestjoni attiva;

***Finanzjament***

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw possibbiltajiet ta' finanzjament adegwati u fit-tul, kemm fi ħdan kif ukoll, b'mod partikolari, barra mill-politika agrikola komuni, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Bijodiversità 2030 u d-Direttiva dwar il-Ħabitats, għal miżuri preventivi xierqa u kumpens adegwat għall-bdiewa, sabiex tiġi żgurata l-koeżistenza ta' karnivori kbar u prattiki sostenibbli tat-trobbija tal-bhejjem mingħajr ma jiġu limitati l-għanijiet ġenerali tal-politika agrikola komuni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-għadd dejjem jikber ta' attakki minn karnivori kbar ifisser li r-riżorsi ddedikati għall-protezzjoni tal-annimali domestikati u l-ħlasijiet ta' kumpens qed jiżdiedu wkoll, bir-riskju li l-fondi mill-programmi ta' żvilupp rurali li tradizzjonalment huma previsti biex jgħinu fil-kisba ta' objettivi importanti skont il-politika agrikola komuni, jintefqu fuq il-konservazzjoni tal-ispeċijiet; iqis li l-livell ta' kumpens imħallas lil dawk li jrabbu l-bhejjem wara attakk ivarja minn Stat Membru għal ieħor; jemmen li dan il-kumpens għandu jiġi inkluż fl-eżenzjoni ġenerali mill-għajnuna mill-Istat; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tneħħija tal-linji gwida agrikoli tagħha li jqisu l-kumpens għall-ħsara minn predaturi kbar bħala għajnuna mill-Istat, peress li t-telf imġarrab mill-produtturi ma għandu l-ebda rabta mal-attività

agrikola tagħhom;

°

° °

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.